MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-13 ta' April, 2011

Citazzjoni Numru. 1217/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c. fejn dan, wara li ppremetta illi:

1. Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fit-30 ta' Gunju 1998 (Dok. 'A'), in atti n-Nutar Dottor Paul George Pisani, is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino;

2. Is-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, mija u sitta u erbghin Liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm28,146.16), ekwivalenti

ghal hamsa u sittin elf, hames mija u tnejn u sittin Ewro u tnejn u disghin Ewro centezmi (€65,562.92), bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “B1 sa B3”), flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-24 ta’ Ottubru 2007 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esebit bhala Dokument “A”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino;

(a) Naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata fis-6 t’ Ottubru 2005, li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “C”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Talbet is-socjeta’ attrici tghid sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument “A”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-

possibilita' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Tikkundanna lil Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino, ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, mija u sitta u erbghin Liri Maltin u sittax-il centezmu (Lm28,146.16), ekwivalenti ghal hamsa u sittin elf, hames mija u tnejn u sittin Ewro u tnejn u disghin Ewro centezmi (€65,562.92), bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B1 sa B3"), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Ottubru 2007 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali (Dok. "C"), datata fis-6 ta' Ottubru 2005, u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment u minghajr pregudizzju u bir-rizerva ghall-pretensjonijiet ohra tal-attrici kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat ir-risposta ta' Joseph u Mary Doris Baldacchino fejn dawn eccepew illi:

M'huwiex minnu illi l-konvenuti naqsu milli jonoraw l-obbligazzjonijiet minnhom assunti fil-kuntratt datat 30 ta' Gunju 1998.

In effetti kienet saret novazzjoni kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Minghajr pregudizzju, l-ammont mitlub m'huwiex dovut kollu ghaliex jinkludi element ta' imghax fuq imghax.

Rat id-dokumenti annessi maghha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Jirrizulta li l-bank rikorrenti ta facilita' lill-intimati bil-kundizzjonijiet hemm elenkati. Jirrizulta li Joseph u Mary Doris Baldacchino waqghu lura fil-pagamenti kif pattwiti. Irrizulta ukoll li l-proprjeta' li qed tiggarantixxi s-self m'hijiex mibnija skond il-permessi tal-bini. Ghalhekk il-Bank qed jitlob il-hlas. Il-konvenuti jilqghu ghall-kawza billi jghidu li l-imghaxijiet ma nhadmux tajjeb. Jghidu ukoll li kien hemm novazzjoni.

Il-Qorti tqis li l-Bank rikorrenti irnexxielu jipprova t-talbiet tieghu ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti filwaqt li l-konjugi Baldacchino ma ppruvaw xejn milli allegaw.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta p.l.c.

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino, ihallsu lis-socjeta' attrici, is-somma ta' hamsa u sittin elf, hames mija u tnejn u sittin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€65,562.92), flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-24 ta' Ottubru 2007 sad-data tal-effettiv pagament bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph u Mary Doris mizzewgin Baldacchino.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------